# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI Nru 2922

**Kaz Nru. 4047/HW** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Andrei Vella Laurenti (ID 417581 M)**

**u**

**L-Awtorita tax-Xandir.**

**(dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta).**

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti Andrei Vella Laurenti li gie pprezentat fir-registru tal-Qorti fis-7 ta' Marzu, 2022.**

**Matul is-smigh tal-Kaz, ir-rikorrenti kien assistit mill-Avv. Andrew Sciberras u mill-Avv. Alex Sciberras u l-Awtorita tax-Xandir kienet raprezentata minn Dr Joanna Spiteri li kienet assistita mill-Avv. Matthew Brincat.**

**Fl'istqarrija tal-Kaz ir-rikorrenti jghid, li kien impjegat mal-Awtorita ntimata bhala Programme Monitor minn Novembru, 2007 fuq bazi full-time u kellu salarju gross ta' €28,915**

**Huwa jghid ukoll, li l-Awtorita akkuzathu flimkien ma ohrajn li wettaq abbuz mis-sistema tal-punch clock fuq il-post tax-xoghol meta ppancja ghax-xoghol u fil-verita ma kienx xoghol u konsegwentament gie sospendut mix-xoghol b'effett mit-3 ta' Dicembru, 2020 u gie nfurmat ukoll li kien se jigi mghoddi process ta' dixxiplina.**

**Fl'istqarrija tieghu huwa jkompli jghid, li mill-investigazzjonijiet li ghamlet l-Awtorita rrizulta li allegatament abbuza mis-sistema tal-punch clock ghal perjodu massimu ta' siegha u erbgha u hamsin minuta fuq medda ta' kwazi tletin gurnata.**

**Huwa jghid ukoll li wara process ta' dixxiplina, il-Bord ta Dixxiplina li kien kostitwit mill-Awtorita sabitu hati tal-akkuza li saret fil-konfront tieghu. Huwa jghid ukoll, li l-Board ta' Dixxiplina ghamilha cara li ssir distinzjoni bejnu u bejn impjegat iehor ghar-raguni li fil-kaz tieghu l-hin abbuzat ma kienx daqstant gholi specjalment meta dan kien gie kkalkulat fuq medda ta' tletin gurnata.**

**Huwa jkompli jghid fl'istqarrija tal-Kaz tieghu, li fil-konkluzjoni tal-Board ta' Dixxiplina rega tenna li ghandu jsir distinzjoni bejn l-agir taz-zewg impjegati u dana ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija. Huwa jghid ukoll, li l-Board ta' Dixxiplina waqaf hemm u ma ta' l-ebda decizjoni dwar il-piena li ghanda tigi moghtija lilhu.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li hassu aggravat bid-Decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina u ghaldaqstant ressaq il-kaz tieghu ghal-Appell u dan ghar-raguni li kien hemm difetti procedurali ghax il-Bord ta' Dixxiplina kellu jiddeciedi mhux biss dwar il-htija izda wkoll dwar il-piena.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, il-provi li ressqet l-Awtorita u jirrefri ghal filmati ta' CCTV camera huma bi ksur tar-regolamenti lokali u Ewropej dwar data protection kif ukoll, b'mod generali kien hemm apprezzament zbaljat tal-provi tal-istess Bord ta' Dixxiplina.**

**Fl'istqarrija tal-kaz tieghu huwa jkompli jghid, li l-Appell tieghu gie michud mill-Bord ta' l-Appelli u konsegwentament gie mkecci mill-impjieg u b'dan gie nfurmat permezz ta' ittra mibghuta mill-Awtorita datata 12 ta' Novembru, 2021.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu kienet ingusta u l-piena ta' terminazzjoni ta' l-impieg kienet sproporzjonata.**

**Huwa jkompli jghid, li fil-kors u t-thaddim tal-proceduri li gew inizjati fil-konfront tieghu kien hemm ksur lampanti tal-Ftehim Kollettiv vigenti billi dan kien kjarament jaghti l-jedd lilhu sabiex jaghmel sottomissjonijiet dwar il-piena, oltre l-htija – jedd li effettivament gie nnegat u michud lilu.**

**Huwa jghalaq l-istqarrija tal-kaz tieghu fejn jghid, li l-piena tat-terminazzjoni ta' l-impieg kienet piena sproporzjonata kif wara kollox anke kif ta' x'jifhem il-Board tad-Dixxiplina li kien kostitwit mill-Awtorita innfisha.**

**Ghaldaqstant, huwa talab lit-Tribunal Industrijali sabiex jiddikjara u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impieg tieghu kienet ingusta u jitlob lit-Tribunal Industrijali sabiex jiddeciedi biex jigi moghti l'impieg lura u kumpens finanzjarju.**

**Fl'istqarrija taghha l-Awtorita tax-Xandir tghid, li r-rikorrenti kien impjegat mal-Awtorita bhala Programme Monitor min Novembru 2007. Hija tghid ukoll, li l-pretenzjonijiet tar-rikorrenti huma kollha nfondati**

**kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan se jigi ppruvat waqt il-mori ta' din il-kawza.**

**L-Awtorita tkompli tghid li fit-3 ta' Dicembru, 2020 inhareg charge fil-konfront tar-rikorrenti dwar allegazzjoni li huwa abbuza mis-sistema tal-punch clock fuq il-post tax-xoghol u dan ghad-detriment tal-Awtorita nkluz telf finanzjarju.**

**Fl'istqarrija taghha l-Awtorita tghid ukoll, li kellha sistema fejn l-impjegati kienu kostretti li jaghmlu uzu minn punch clock sabiex jigi rrikordjat il-hin meta l-impjegati jkunu dahlu u johorgu mix-xoghol.**

**Hija tghid ukoll, li l-impjegati tal-Awtorita huma obbligati li jahdmu disa sieghat u kwarta kuljum (inkluz il-break) fix-xitwa u sitt sieghat kuljum fis-sajf.**

**L-Awtorita tkompli tghid li fis-26 ta' Novembru, 2020 Randolph Micallef li jokkupa l-grad ta' Head of Monitoring gieh suspett illi certu mpjegati kienu qed jabbuzw mis-sistema tal-punch clock u dan bil-komplicita tar-receptionst tal-post tax-xoghol u ghab-bazi ta' dan is-suspett huwa nforma lill Kap Ezekuttiv fejn minn naha taghha ordnat li jsiru l-investigazzjonijiet necessarji.**

**L-Awtorita tghid ukoll, li l-investigazzjoni kienet tikkonsisti f'ezercizzju ta' tqabbil bejn il-hin tad-dhul u hrug tal-impjegati skond kif mehud minn fuq is-sistema tas-CCTV mal-hin illi kien jidher fuq l-arlogg tas-sistema tal-punch clock u minn tali nvestigazzjoni kien jidher li hemm diskrepanzi lampanti bejn ir-recordings tal-punch clock u d-dhul u l-hrug effettiv tar-rikorrenti skond is-CCTV cameras.**

**L-Awtorita tkompli tghid li wara li giet konkluza l-investigazzjoni, l-impjegati nvoluti f'din l-iskema gew mressqa quddiem Board ta' Dixxiplina u l-Board tad-Dixxiplina kellu biss jiddeciedi dwar jekk sehhwex il-fatti li taw lok ghal hrug tac-charges.**

**L'Awtorita tghid ukoll fl'istqarrija tal-kaz taghha li fl'20 ta' Lulju, 2021 il-Board tad-Dixxiplina kkonkluda hekk "Il-Bord wara illi semgha l-provi u gharbel l-istess jikkonkludi illi l-fatti li minnhom ilmentat l-Awtorita sehhew u cjoe li kien hemm abbuz fis-sistema tal-punch clock da parti tal-impjegati Geroge Dorian Sultana w Andrei Vella Laurenti, liema abbuz sarraf f'telf ghall-istess Awtorita inkluz telf finanzjarju".**

**L-Awtorita tghid ukoll, li abbazi ta' dawn il-konkluzjonijiet fil-25 ta' Ottubru, 2021 ddecidiet li tittermina l-impjieg tar-rikorrenti.**

**L-Awtorita tkompli tghid, li r-rikorrenti pprezenta avviz ta' Appell ai termini tal-artikolu 37 tal-Ftehim Kollettiv u liema Appell ma giex milqugh mill-Bord ta' l-Appelli u ghaldaqstant l-impjieg tar-rikorrenti gie terminat b'effett mit-12 ta' Novembru, 2021.**

**Matul il-provi minn naha ta' l-Awtorita pprezentat xhieda u dokumentazzjonijiet biex tivverrifika l-kaz ta' dixxiplina li ghamlet fil-konfront tar-rikorrenti.**

**Dwar il-kaz ir-rikorrenti spjega s-sitwazzjoni tieghu f'affidavit li huwa pprezenta lit-Tribunal Industrijali fejn qal, li ma jeskludix illi fil-gimghatejn ta' qabel li rcieva l-ittra tac-charge ma kienx ppancja (hrug) f'okkazjoni partikolari u dan ghamlu kompletament wahdu minghajr ebda involviment ta' haddiema ohra. Huwa jghid ukoll, li dan ma sarx b'disrispett lejn l-Awtorita u l-kollegi u s-superjuri tieghu fil-post tax-xoghol izda purament b'konsegwenza tas-sitwazzjoni personali li kien ghaddej minnha.**

**Huwa jispjega u jghid ukoll, li din l-okkazjoni partikolari kienet rizultat tal-fatt illi l-ex mara tieghu kienet insistenti mieghu li jghamel qadja izda kompletament nesa japplika ghal leave. Huwa jghid ukoll, li biex ma**

**jiggravax is-sitwazzjoni aktar milli kienet mal-ex mara tieghu mar jghamel din il-qaghdja biex jegavolaha.**

**Ir-rikorrenti jkompli jghid, li madankollu ma talab assolutament lill-hadd biex jippancja f'flokhu izda sempliciment telaq mill-post tax-xoghol biex jghamel dak li l-ex mara tieghu kienet qed tinsisti dwaru.**

**Huwa jghid ukoll li ghalkemm setgha naqas f'din l-okkazjoni, ihoss li certament ma ghandux jimmerita s-sanzjoni estrema tat-tkeccija.**

**It-Tribunal Industrijali f'dawn il-provi jinnota li meta xehed ir-rikorrenti fis-seduta ta' 14 ta' Marzu, 2023 jirrizulta li fil-waqt fid-dikjarazzjonijiet li ghamel jghid li kienet okkazzjoni wahda li telaq minn fuq il-post tax-xoghol, mix-xhieda tieghu rrizulta li kienu zewg okkazzjonijiet li telaq minn fuq il-post tax-xoghol minghajr il-permess tal-management.**

**Mix-xhieda tar-rikorrenti jirrizulta wkoll, li meta telaq minn fuq il-post tax-xoghol ma regax irritorna lura fuq il-post tax-xoghol u ghalkemm telaq kmieni minn fuq il-post tax-xoghol il-punch clock irregistra li telaq minn fuq il-post tax-xoghol fil-hin li kellu jispicca mix-xoghol.**

**F'din ix-xhieda r-rikorrenti ghalkemm jichad li qabbad lil haddiehor biex jippancja ghalih pero ma setghax jispjega kif il-punch clock kien hemm**

**irregistrat li huwa telaq mix-xoghol fil-hin li suppost kellu jispicca mix-xoghol.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar dan il-kaz inkwstjoni u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa li r-rikorrenti lmenta, li ghalkemm il-Bord ta' Dixxiplina ddecieda li kien hati pero ma kienx il-Bord ta' Dixxiplina li ddecieda fuq il-piena li nghatat lilhu.**

**It-Tribunal Industrijali meta jezamina dan l-ilment tar-rikorrenti huwa tal-fhema, li r-responsabilita tal-Bord tad-Dixxiplina huwa li jezamina l-akkuzi li jkunu saru fil-konfront ta' l-impjegat u skond il-provi li jitressqu quddiemu janalizzhom u jiddeciedi jekk l-akkuzat kienx hati jew le.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li fl'eventwalita li l-impjegat jinstab hati il-Bord ta' Dixxiplina jinforma b'dan lid-dirigenti tat-tmexxija tal-post tax-xoghol u huma d-derigenti li jiddeciedu l-piena.**

**Invista ta' dan, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li l-Bord ta' l-Awtorita kellu d-dritt li jiddeciedi l-piena ta' dixxiplina u konsegwentament it-Tribunal Industrijali jikkonkludi li m'hemmx gustifikazzjoni dwar l'ilment li ghamel ir-rikorrenti.**

**F'dawn il-Kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra l-akkuzi li saru fil-konfront tar-rikorrenti rigward li abbuza mis-sistema tal-punch clock u b'konsegwenza l-Awtorita sofriet telf finanzjarju.**

**It-Tribunal Industrijali f'dawn il-kunsiderazzjonijiet jikkunsidra li ghalkemm ir-rikorrenti l-ewwel jghid li kien kaz ta' darba u mix-xhieda tieghu stess quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta li kien kaz ta' zewg okkazzjonijiet li hareg mill-post tax-xoghol minghajr il-permess tal-management u ghalkemm ma regax irritorna fuq il-post ta-xoghol pero mill-punch clock ir-rikorrenti kien irregistrat li hareg mill-post tax-xoghol fil-hin li kellu jispicca mix-xoghol.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll li ma qabbad lil hadd biex jippancja ghalih pero ma setghax jispjega kif il-punch clock kien qed jirregistra li huwa hareg fil-hin li kellu jispicca mix-xoghol.**

**Rigward dan l-aspett it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li l-kaz inkwestjoni jittratta mhux kemm il-darba l-impjegat assenta ruhu mill-post tax-xoghol imma huwa kaz li qed issir dikjarazzjoni kif gie rregistrat mill-puch clock li r-rikorrenti hareg fil-hin minn fuq il-post tax-xoghol meta fir-rejalta ma kienx fuq il-post tax-xoghol u ghaldaqstant din hija dikjarazzjoni falza.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll dak li jghid ir-rikorrenti li huwa ma qabbad lill hadd biex jippancja ghalih. Meta t-Tribunal Industrijali jezamina din id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti mar-rejalta fejn kien hemm xi hadd li ppancja ghalih dan it-Tribunal Industrijali jasal ghal konkluzzjoni li kien hemm forma ta' ftehiem bejn xi haddiema li jippancjaw ghal xulxien.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll aspett iehor importanti ta' Sahha u Sigurta fuq il-post tax-xoghol u fuq dan l-aspett it-Tribunal Industrijali jikkunsidra li l-kaz inkwestjoni huwa kaz gravi ghar-raguni, ghax jekk ikun hemm incident fuq il-post tax-xoghol bhal f'kaz ta' nirien tibda ssir tficcija ghal dawk il-haddiema li jkunu registrati li jkunu fuq il-post tax-xoghol meta fir-rejalta ma jkunx fuq il-post tax-xoghol bil-konsegwenza li dan jista jkun ukoll ta' periklu ghal dawk il-haddiema li jkunu qed jghamlu tficcija ghalihom ghax jahsbu li qeghidn fuq il-post tax-xoghol meta fir-rejalta ma jkunux.**

**Aspett iehor li jikkunsidra t-Tribunal Industrijali huwa l-ilment tar-rikorrenti li fil-process ta' Dixxiplina tressqu bhala prova filmati tac-CCTV cameras u r-rikorrenti jilmenta li gie miksur id-data protection tieghu.**

**Rigward dan l-aspett it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li jekk ir-rikorrenti jhoss li sar nuqqas fil-konfront tieghu, dan l-ilment ghandu jirreferih lil Awtorita kompitenti li tittratta materja ta' din ix-xorta. Pero,**

**it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema wkoll li dan ma jnaqqas xejn mill-gravita tal-kaz li wettaq ir-rikorrenti.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u prezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizjonali tal-partijiet, jasal ghal konkluzjoni u jiddeciedi li kien jimmerita li jittiehdu passi dixxiplinarji fil-konfront tar-rikorrenti u t-terminazzjoni ta' l'impieg ma saritx bi ksur tal-Ligi.**

**Minhabba nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**(Iffirmat)**
**Harold Walls**
**Chairman**

**Data 13.06.2023**